FEDERAZZJONI KAĊĊATURI NASSABA KONSERVAZZJONISTI

FEDERATION FOR HUNTING & CONSERVATION MALTA

# DAWN HUMA PUNTI ĠENERALI TA' LIĠI LI HUMA FL-INTERESS LI KULL SID U KERREJ TA' ART RURALI, INKLUŻ IL-KAĊĊATUR U N-NASSAB JKUN JAF BIHOM.

**Naturalment dawn ma jkopprux il-Liġi kollha u ma għandhomx jinftehemu bħala xi parir legali jew li jistgħu jittieħdu bħala parir legali. Pero' huma punti ġenerali li jkun tajjeb li kull sid u kerrej ta' art rurali, inkluż kaċċatur u nassab iżomm f'moħħu.**

## 1. Pulizija.

Uffiċjal tal-Pulizija, li jkun identifikabli minn numru jew mitlub jidentifika ruħu bħala tali, għandu d-dritt jitlob lil min ikun jagħti ismu, kunjomu u partikolaritajiet oħra u jipproduċi xi liċenza tiegħu, eżempju tal-kaċċa jew ta' l-insib.

Min jiġi mistoqsi biex jagħti l-partikolarijiet tiegħu lill-Pulizija, ma jistax jiġġustifika r-rifjut tiegħu li jagħti dawn il-partikolaritajiet billi jallega li qabel ried jaf x'kienet sejra tkun l-imputazzjoni kontra tiegħu.

Lanqas ma hi raġuni tajba għal dak ir-rifjut, il-fatt li l-pulizija kienet taf lil min ġie mitlub jagħtiha dawk il-partikolaritajiet billi kienet taf ismu u kunjomu, u anki fejn joqgħod.

Il-koperazzjoni mall-Pulizija għanda dejjem tkun u meta persuna tiġi hekk avviċinata mill-Pulizija għanda dejjem tinnota n-numru jew l-identita' ta' dak/dwak l-uffiċjali tal-Pulizija.

## 2. Vjolazjoni tal-Propjeta'

| | |
|---|---|
| **'Proprjeta' Privata"** | tfisser kull art, kemm jekk żviluppata kemm jekk le, jew kull struttura permanenti (eżempju bini) oħra li t-titolu tagħha huwa vestit f'persuna jew entita' privata (eżempju li tkun ta' xi ħadd). |
| **'Proprjeta' Pubblika"** | tinkludi kull post li l-pubbliku għandu aċċess għalih. |
| **'Passaġġ Privat"** | ifisser passaġġ li għalih ma hemmx liberu aċċess għall-pubbliku in ġenerali. |
| **'Passaġġ Pubbliku"** | ifisser passaġġ li hu miftuħ għal kulħadd. |

Jikser il-Liġi kull min bi ħsara tas-sid (jew ta' min għandu f'idejh bil-permess tas-sid tali propjeta', eżempju kerrej bħal kaċċatur u/jew nassab li jkun kera dik l-art għal skopijiet ta' kaċċa u/jew insib), jagħmel vjolazzjoni kontra dil-proprjetà ta' ħaddieħor. Għalhekk ħadd ma jista' jidħol fi propjeta' ta' ħaddieħor mingħajr il-permess tas-sid jew tal-kerrej; jew jagħmel ħsara lil propjeta' ta' ħaddieħor jew iżomm jew ifixkel lil ħaddieħor milli jidħol jew jagħmel użu tal-propjeta' tiegħu.

F'każ illi xi ħadd jikser il-Liġi b'dal-mod (jiġifieri f'każ li xi ħadd iżomm lis-sid jew lil xi ħadd awtorizżat mis-sid bħal kerrej ecc.) milli jidħol fil-propjeta' tiegħu jew igawdi liberament din il-propjeta' jew billi l-istess persuni jidħlu mingħajr permess f'tali propjeta', is-sid (jew persuna awtorizzata mis-sid):-

(1) **Għandu d-dritt** illi jwissih bil-fomm (mingħajr ma juża kliem ta' theddid jew kliem insolenti) biex ma jidħolx f'dik il-propjeta' għaliex hija propjeta' privata. Hu għandu għalhekk id-dritt illi jwissi <u>bil-kelma t-tajba</u> lil dak li jkun, illi l-art hija propjeta' privata u li huwa ma għandux permess jidħol u li jekk jipprova jidħol allura tkun sejra tissejjaħ il-Pulizija.

(2) **Għandu d-dritt** illi jinforma immedjatament lill-Pulizija fl-eqreb Għassa tal-Pulizija (ilħqu sibu n-numru ta' l-eqreb Għassa minn qabel) , jew billi ċ-ċempel fuq 112 illi fl-art tiegħu jew li hu awtorizzat ikun fiha, qedhin jipprovaw jidħlu fiha nies mingħajr permess, u jitlob għalhekk l-intervent tal-Pulzija, biex b'hekk ma jinqala' ebda nkwiet.

(3) **Għandu d-dritt** jimmarka illi l-art hija propjeta' privata billi jagħmel sinjali mhux permanenti f'postijiet fejn jidhru, sabiex b'hekk ikun ċar għal kulħadd li l-art hija privata. Dawn is-sinjali jridu jkunu ta' daqs zgħir u anqas minn metru kwadru u li jservu biss għal skopijiet ta' informazzjoni (ezempji: NO ENTRY / PRIVATE PROPERTY / PROPJETA' PRIVATA – TIDĦOLX / PRIVATE - TRESPASSERS WILL BE PROSECUTED).

(4) **Għandu d-dritt** illi jieħu ritratti tal-persuna li tkun daħlet fl-art in kwistjoni mingħajr permess, bħala prova ta' din l-invazjoni u jirrapporta l-istess lill-Pulizija.

(5) **Ma għandux id-dritt** li fizikament jew b'uzu ta' xi forza ikeċċi lil din il-persuna jew persuni mhux awtorizzati jew inkella jerfgħa idejh jew agħar jippunta xi arma fid-direzzjoni tal-persuna jew b'xi mod ieħor jinsolenta u/jew jhedded lil dik il-persuna sabiex titlaq /toħroġ minn fuq il-propjeta` tiegħu. Xejn ma jiswa illi s-sid/ kerrej jallega li l-art hija propjeta' tiegħu u li l-persuna li invadiet il-propjeta` kienet qed tfixxklu fid-dgawdija tal-fond - għax ebda ċittadin privat ma jista' jieħu l-liġi f'idejh u jiddeċiedi huwa x'inhuwa u m'huwiex skond il-liġi.

(6) **Ma għandux dritt għalhekk** illi, jekk dawn it-terzi persuni jkollhom xi kamera tar-ritratti jew video kamera jew xi oġġett simili, jmur fuqhom u jeħodilhom dawn l-oġġetti jew jagħmillhom jew jikkawżalhom xi ħsara fihom. Ta' min wieħed izomm f'moħħu illi ħsara volontarja fuq il-propjeta ta' ħaddieħor tista' twassal għal azzjoni kriminali u wkoll ħabs.

**3. Provokazzjoni**.

Oqgħodu ferm attenti għal xi provokazzjoni li tista' tkun qed issir apposta minn xi persuni biex iġiegħelukom tiżbaljaw fir-reazzjoni tagħkom. Jista' jkun illi l-intenzjoni ta' dawn in-nies ma tkunx ġenwina u għalhekk ikunu qegħdin jipprovaw iqajjmu nkwiet bl-iskop li inthom tiżbaljaw fir-reazzjonijiet tagħkom.

Ftakkru illi ħafna drabi sfortunatament fil-Qorti – fejn kaz jista' jkun deċiż fuq bażi tal-kelma tagħkom kontra l-kelma ta' ħaddieħor - iktar jidher ikrah malajr il-kaċċatur u/jew nassab milli ċ-ċittadin li mhux kaċċatur u/jew nassab u għalhekk kemm jista' jkun għandkom tkunu dejjem attenti li ma taqgħux għal dan it-tip ta' provokazzjoni maħsuba u ppjanata minn qabel, kif inhu l-indħil minn barranin ta' l-hekk insejħa 'Spring Watch Camps' tal-BirdLife (Malta) mit-12 sad-29 ta' April 2008, u tal-CABS (Kumitat Kontra d-Dbiċċir tal-Għasafar) mis-26 ta' April 2008. B'hekk tevitaw li tpaxxu lil min ikollu l-iskop li jħammeg isem il-kaċċaturi u n-nassaba Maltin u Għawdxin.

Jekk dawn it-terzi persuni jibqgħu fil-viċinanza tagħkom, u bl-aġir tagħhom (sia jekk ikunu qed jieħdu xi ritratti jew jiġbdu xi films bil-video kamera jew b'xi mod iehor, anki billi jittrombjaw kontinwament lejkom, u tagħmlu sew jekk tieħdulhom xi ritratti waqt dan l-aġir tagħhom) iġiegħelukom tħossukom jew intimidati, jew imdejjqin, eċċ., allura inthom għandhom tirrapportaw dan il-fatt mill-ewwel lill-Pulizija.

Filwaqt illi bħala regola kull persuna għandha d-dritt li tgawdi l-propjeta' tagħha u dritt għal-privatezza tagħha, meta persuna tkun fi propjeta' tagħha li tkun fil-miftuħ u mhux fil-magħluq, allura jista' jkun hemm każijiet li xi ħadd jieħu xi ritratti jew jiġbed xi films. Ħadd pero', skond il-Liġi, ma għandu dritt li jdejjaq lil ħaddieħor jew li jintimida lil-ħaddieħor – għalhekk dejjem irrapportaw lil Pulizija.

Żommu f'moħħkom pero' illi kull ċittadin għandu d-dritt illi jirrapporta lill-Pulizija każijiet ta' ksur tal-Liġi. Għalhekk, jekk xi ħadd jidhirlu li tkun qed tiġi miksura l-Liġi dwar per eżempju Kaċċa u l-Insib, dan bħala ċittadin għandu d-dritt illi jirrapporta dan lil-Pulizija bid-dettalji kollha li jista' jkollu.

*Din il-Gwida ġiet ippublikata mill-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK) April 2008©*